MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 482/2006

Maltacom p.l.c. (C-22334) u b’digriet moghti mit-Tribunal datat it-Tnejn 14 ta’ Jannar 2008, isem is-socjeta’ attrici trid tinqara ‘GO p.l.c.’ minflok
Maltacom p.l.c.

Vs

Hassouna Anthony u Anne konjugi Guiga ID-343994M u 386164M u GA Services Limited
(C-19715)

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Mejju 2006, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu solidalment bejniethom lis-socjeta attrici s-somma ta’ LM148.53c illum ekwivalenti ghal Euro 346 (tlett mija u sitta u erbghin ewro) rapprezentanti valur ta’ hsarat kawzati fl-infrastruttura tal-attur gewwa triq San Pawl Naxxar f'Jannar 2004 kif jirrizulta minn fattura numru 20312 datata 29 ta’ Lulju 2005 inkluz spejjes ta’ ittra

ufficcjali numru 11633/05 datata 30 ta’ Novembru 2005 debitament notifikata.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 12 ta’ Gunju 2006 fejn ikkontestaw it-talba attrici fis-sens illi in kwantu f'isimhom personali, huma ma wettqu ebda xoghol li setghet waslet ghal hsara allegata u in kwantu fil-konfront tas-socjeta konvenuta kemm l-istess socjeta u kif ukoll il-haddiema taghha ma kienu responsabbli ghal ebda danni.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi migjuba u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota ta’ sottomissjonijiet u referenzi tas-socjeta attrici u t-trattazzjoni orali da parti tal-konsulent legali tal-konvenuti.

Ikkunsidra.

Is-socjeta attrici pprezentat diversi affidavits bhala prova in sostenn tat-talba taghha.

L-Avukat Dr Keith Grech iddikjara solennement l-iter li wassal ghal din il-kawza fejn is-socjeta attrici qed titlob li tithallas ghal danni sofferti lil cables taghha li ntlaqtu mill-konvenuti waqt xogholijiet minnhom esegwiti u liema cables kienu ntlaqtu nonostante li ufficcjali tal-attur kienu mmarkawlhom mnejn kienu ghaddejjin l-istess cables minn taht l-art. L-Engineer Ives Pocock u Victor Busuttil ghas-socjeta attrici jikkonfermaw l-istess iter u ta’ l-ahhar ikkonferma wkoll id-dokumenti esebiti markati Dok KG 19 u KG 21. Vincent Camilleri ghall-attur jikkonferma li kien il-konvenut Tony Guiga stess li kien informah li kienu laqtu l-cables u dan Camilleri in segwitu ghamel ir-rapport l-ghassa tal-Pulizija. Ix-xhud Lawrence Borg impjegat tas-socjeta attrici jikkonferma li kien hu li mmarka mnejn kienu ghaddejjin il-cables li in segwitu ntlaqtu mill-konvenuti. Jikkonferma wkoll ir-ritratti tal-istess cables skavati li jinsabu esebiti Dok KG 16 sa KG 18. Ikkonferma wkoll ir-rapport tieghu esebit bhala Dok KG 15. Paul Aquilina li jahdem bhala credit control officer mas-socjeta attrici

kkonferma l-fattura numru 20312 tal-hsarat meritu tal-kaz odjern.

Illi minn dokumenti ohra esebiti mill-istess socjeta attrici, jirrizulta wkoll is-segwenti fatturi provati cioe:-

Dok KG 10 a fol 26 jindika li l-kuntrattur kien GA Services Limited. L-stess jista jinghad fuq dok KG 11 a fol 33. Kemm minn dok JC 1 a fol 76 tal-process, mid-dokument a fol 77 u kif ukoll mix-xhieda ta' Joseph Chircop tal-ADT jirrizulta li l-kuntrattur kien GA Services Limited. Dan jirrizulta wkoll mill-ittra a fol 79 tal-process li kienet indirizzata lill-istess socjeta konvenuta. Uhud minn dawn id-dokumenti fuq indikati jinsabu ripetuti diversi drabi f'dan il-process stante li gew esebiti minn aktar minn persuna wahda.

Anthony Guiga, il-konvenut xehed illi tassew membri tas-socjeta attrici kienu ghamlu s-sinjali tal-cables qabel ma bdew jiskavaw u jallega li ghalkemm huma zammew madwar zewg metri l-boghod minnhom meta nizlu xi pied taht wicc l-art iltaqghu mal-cables. Meta l-lavrant tas-socjeta konvenuta ltaqa ma dan il-cable li kien xi zewg metri l-boghod mis-sinjali, dan intlaqat u saritlu l-hsara. Huwa ighid li urihom on site lil tal-maltacom kemm kienu haffru l-boghod mis-sinjali. Tal-Maltacom gew u sewwewh. B'riferenza ghar-ritratti esebiti mis-socjeta attrici a fol 60 et seq tal-process, il-konvenut Guiga jallega li dawn jindikaw post iehor u allura mhux fejn sehh l-incident meritu tal-kaz odjern. In kontro-ezami jghid li l-pulzija mhux talli ma kienux gew fuq il-post dak in-nhar izda sahansitra kienu bghatu ghalih xi gimghatejn wara, anzi kellmuh biss minn fuq it-telephone.

Robert Azzopardi jghid li huwa kien jahdem mas-socjeta konvenuta u dak in-nhar tal-incident, huwa hadem bit-trencher wara li l-impjegati tas-socjeta attrici mmarkaw il-cables biz-zebgha hadra. Meta beda jqatta huwa ighid li zamm il-boghod mill-marki l-hodor b'madwar zewg metri pero cioe nonostante xorta wahda ltaqa mal-cables hekk kif lahaq qatta xi pied 'isfel mill-art.

Illi dwar il-kwistjoni li tqajmet bejn il-partijiet fuq ir-ritratti esebiti a fol 60 et seq tal-process u cioe jekk dawn jirriflettux il-post tal-incident jew ossia post iehor u jekk ritratti f'process iehor ghandhomx jigu allegati ma dan il-process (in segwitu esebiti a fol 130) peress illi kienu r-ritratti fil-process l-iehor li jindikaw l-odejrn post, it-Tribunal jirrileva li illi tali ritratti li jindikaw il-hsara ma hiex daqstant rilevanti biex tinghata decizjoni fuq il-kwistjoni meritu ta dan il-kaz peress illi jirrizulta ex admissis li kienu l-impjegati tas-socjeta konvenuta li laqtu u ghamlu hsara lill-cable meritu ta din il-kawza. Il-kwistjoni li trid tigi rizolta ghal fini ta' responsabbilita hi jekk hux tassew li l-iskavar sehhx il-boghod bizzejjed mis-sinjali l-hodor o meno sabiex jiskolpa lill-istess socjeta konvenuta. Anthony Guiga u l-lavrant it-tnejn xehdu li l-cable li ntlaqat kien zewg metri l-boghod mis-sinjal l-ahdar. Lawrence Borg li zebghah is-sinjali l-hodor, ghalkemm jikkonferma fir-rapport tieghu li dawn gew indikati tajjeb pero ma jaghti ebda dettalji ulterjuri partikolarment wara l-allegazzjoni tal-konvenuti; pero in ogni caso tajjeb li jigi notat ukoll li skond ir-regolamenti li jorbtu lill-kuntratturi fuq dan it-tip ta' xoghol moghti mis-socjeta attrici, l-imsemmi mmarkar ghandu jitqies biss bhala ndikazzjoni approssimattiva ta' fejn jinstabu l-cables u ghalhekk l-iskavar ikun irid jigi esekwit xorta wahda f'certu distanza l-boghod mill-istess marki. Illi ghalhekk fil-kaz in ezami, irrizulta li n-nuqqas da parti tal-lavrant tas-socjeta konvenuta kien fis-sens illi messu qatta aktar il-boghod mill-linji l-hodor u kwindi ma kienitx kwistjoni ta' xi nuqqas ta' hila jew ta' nkompetenza kif qed jipprova jallega l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu. B'dan pero ma rridx ninftiehem illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi b'xi mod skuzata ghal tali nuqqas. Ladarba hija accettat l-inkariku tal-iskavar, dahlet kwindi fl-obbligi kollha li ggib maghha tali attivita u kwindi kien jinkombi fuq l-istess socjeta konvenuta li tassikura li sejra tottempora ruhha mal-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti di proprio u kwindi jilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju, jirrespingi t-tieni eccezzjoni avvanzata mis-

socjeta konvenuta, kwindi jiddikjara li s-socjeta konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni fejn is-socjeta attrici sofriet il-hsarat mitluba u ghalhekk jilqa t-talba attrici fil-konfront ta' l-istess socjeta konvenuta u konsegwentement jikkundannha sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' Euro 346 (tlett mija u sitta u erbghin ewro) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjes ta' din l-istanza a kariku ta' l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------